# Il-ftehim ta' qafas Ewropew dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-settur tal-*hairdressing*

**Preambolu**

(1) Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma kwistjoni li għandha tkun importanti għal kulħadd fis-settur tal-*hairdressing*.

(2) L-imsieħbasoċjali Coiffure EU u UNI Europa Hair & Beauty, bi ħsiebhom jikkontribwixxu biex jipproteġu għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-settur tal-*hairdressing* u għalhekk waslu għal dan il-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Partijiet Firmatorji f'dan il-Ftehim flimkien jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta dan il-qafas ta' Ftehim lill-Kunsill għal deċiżjoni, biex b'hekk il-ftehim jiġi fis-seħħ fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li jittejjeb, b'mod partikolari, l-ambjent tax-xogħol sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(4) Madanakollu, il-Partijiet huma tal-fehma li dawk kollha li jaħdmu għal rashom fis-settur għandhom l-istess riskji fejn tidħol s-saħħa u s-sigurtà tagħhom, bħal min hu impjegat, u l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni stabbiliti f'dan il-Ftehim ma għandhomx jiddependu fuq l-istat tal-impjieg, iżda għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-persuni kollha attivi fil-*hairdressing*. Il-Partijiet għalhekk iħeġġu lill-Istati Membri biex jikkumplementaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta dan il-Ftehim b'miżuri xierqa biex jiżg*uraw li s-se*ttur kollu tal-*hairdressing* ikun kopert u, b'mod partikolari, li dawk kollha li jaħdmu għal rashom f'dan is-settur jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni bħal min jħaddem u bħal min hu impjegat kif previst f'dan il-Ftehim.

(5) Il-Partijiet tas-settur se jwaqqfu grupp ta' ħidma fuq livell Ewropew. Il-grupp se jkun magħmul minn ħames rappreżentanti ta' kull Parti u se jiltaqa' darba fis-sena. Il-grupp se jirrapporta kull sena lill-Kumitat Ewropew għad-Djalogu Soċjali dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-Istati Membri minn żmien għal żmien. Ilgrupp jevalwa wkoll ir-riskjifid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi, inklużi żviluppi xjentifiċi u -sejbiet tal-korpi rilevanti.

(6) Il-Partijietjmpennjaw ruħhom li jagħmlu dan il-ftehim aċċessibbli għall-pubbliku fl-Istati Membri.

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(1) Billi aktar minn miljun ħaddiem f'400 000 ħanut tax-xagħar jirċievu 350 miljun klijent potenzjali;

(2) Billi l-*hairdressing* jikkostitwixxi fergħa importanti tal-ekonomija li tirrikjedi ħafna ħaddiema u li tipprovdi s-servizzi lin-nies;

(3) Billi l-iżvilupp tal-*hairdressing* jitlob rispett għall-ogħla *standards* ta' kwalità, kemm għall-klijenti u kemm għall-ħaddiema, u jimponi responsabbiltà soċjali u ekoloġika;

(4) Billi l-kwalità tar-relazzjonijiet soċjali hija bbażata fuq fiduċja reċiproka, spirtu ta' kooperazzjoni u djalogu soċjali kontinwu bejn min iħaddem u l-ħaddiema u tikkostitwixxi fattur produttiv;

(5) Billi r-riskji fuq il post tax-xogħol huma kważi l-istess, irrispettivament mill-Istat Membru fejn titwettaq l-attività;

(6) Billi l-Partijiet għal dan il-Ftehim qed jaġixxu bi twemmin sod li se jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-impjiegi u l-iżgurar tal-futur ekonomiku tal-*hairdressing* u n-negozji fi ħdan qafas ta' żvilupp sostenibbli u titjib fil-kwalità ;

(7) Billi l-Partijiet se jagħmlu kull sforz biex jiksbu implimentazjoni ta' dan il-Ftehim fin-negozji kollha tal-*hairdressing*;

(8) Billi l-għan ta' promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jitlob li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u s-sigurtà fil-ħwienet tax-xagħar;

(9) Billi għaldaqstant huwa meħtieġ li l-persuni li jaħdmu għal rashom u min iħaddem, fejn ikunu involuti personalment f'attività ta' xogħol f'ħanut tax-xagħar li jservi wkoll bħala post tax-xogħol fejn hemm ħaddiema ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim kif inhu speċifikat hawn taħt;

(10) Wara li kkunsidraw l-Artikolu 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(11) Wara li kkunsidraw id-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol[1];

(12) Wara li kkunsidraw id-Direttivi individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, b'mod partikolari d-Direttivi 89/654/KEE[2], 89/656/KEE[3], 92/85/KEE[4], 98/24/KE[5], 2004/37/KE[6] u 2009/104/KE[7];

---

[1] ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
[2] ĠU L 393, 30.12.1989, p. 1.
[3] ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.
[4] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.
[5] ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.
[6] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.
[7] ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5.

**Parti 1**
**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

**Klawżola 1 – Għanijiet**

Dan il-Ftehim bejn l-imsieħba soċjali fis-settur tal-*hairdressing* għandu l-għan li jkun hemm

(1) Approċċ integrat għall-prevenzjoni tar-riskji u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:
- l-użu ta' materjali, prodotti u għodda; il-protezzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja;
- il-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet muskolo-skeletali;
- l-ambjent tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol;
- il-ħarsien tal-maternità;
- is-saħħa u l-benesseri mentali.

(2) Xogħol f'ambjent tajjeb għal saħħet il-bniedem, li huwa prekundizzjoni biex jingħata servizz effiċjenti.

it-twaqqif ta' dispożizzjonijiet sabiex jiġu evitati, eliminati jew imnaqqsa r-riskji għas-saħħa li jirriżultaw mix-xogħol f'dan is-settur.

(3) Iż-żamma tal-ħaddiema b'ħiliet professjonali fis-settur.

(4) Il-promozzjoni u l-iżgurar ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni Ewropea.

(5) It-tisħiħ tar-rwol u l-importanza tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew u nazzjonali.

**Klawżola 2 – SKOP**

(1) Dan il-Ftehim jindirizza l-aspetti relatati mas-saħħa u mas-sigurtà tal-ambjent tax-xogħol fis-settur tal-*hairdressing*.

(2) Sabiex jinżammu s-sigurtà u s-saħħa fil-ħanut tax-xagħar, fejn persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li jħaddmu jkunu personalment involuti f'attività tax-xogħol f'ħanut tax-xagħar fejn hemm ħaddiema, dawn il-persuni li jaħdmu għal rashom u min iħaddem għandhom ikunu konformi, *mutatis mutandis,* mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li ġejjin li japplikaw għall-ħaddiema:
- Parti 1, il-Klawżoli 5(3), 6(3) u 7(5)
- Parti 2, il-Klawżoli 1, 2(1) u 2(2)

(3) Sabiex jinżammu s-sigurtà u s-saħħa fil-ħanut tax-xagħar, fejn persuni li jaħdmu għal rashom ikunu involuti f'attività tax-xogħol f'ħanut tax-xagħar li jkun il-post tax-xogħol ta' ħaddiem/a, dawn il-persuni li jaħdmu għal rashom għandhom ikunu konformi, *mutatis mutandis,* mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li ġejjin li japplikaw għal min iħaddem:

- Parti 1, il-Klawżoli 5(4) sa 5(6), 6(5) sa 6(9), 7(1) u 7(7)
- Parti 2, il-Klawżoli 2(4) sa 2(6)

**Klawżola 3 – Definizzjonijiet**

(1) Dawk li jħaddmu huma persuni li għandhom relazzjoni ta' xogħol mal-ħaddiema u għandhom r-responsabbiltà ta' impriża.

(2) Il-ħaddiema huma persuni impjegati minn min iħaddem fis-settur tal-*hairdressing*, inklużi dawk li jkunu qed jitħarrġu u l-apprendisti.

(3) Persuni li jaħdmu għal rashom huma l-persuni kollha, minbarra min iħaddem u l-ħaddiema, li l-attività professjonali tagħhom hija l-*hairdressing*.

(4) Il-Partijiet li huma firmatarji għal dan il-Ftehim huma l-federazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-ħaddiema.

(5) "Prattiċi nazzjonali" tfisser linji gwida jew *standards*, li la huma liġijiet u lanqas regolamenti, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew mis-settur tal-*hairdressing*.

**Klawżola 4 – Prinċipji**

(1) Il-Partijiet se jikkoperaw biex inaqqsu r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fis-settur tal-*hairdressing* fil-livelli lokali, nazzjonali u Ewropej, *inter alia*, permezz tat-tixrid ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Partijiet jirrikonoxxu li hemm bżonn ta' strateġija komuni ta' prevenzjoni fl-Istati Membri kollha, li għandha tiġi segwita bħala prijorità u b'kunsiderazzjoni tas-sejbiet xjentifiċi l-aktar reċenti.

(3) Il-Partijiet jinnutaw li l-prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju huma stabbiliti fid-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE u d-direttivi individwali rilevanti tagħha. Huma jinnutaw id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva dwar il-Kożmetiċi 76/768/KEE kif emendata, inklużi l-obbligi ta' min jimmanifattura, l-importaturi jew id-distributuri f'dik id-Direttiva[8].

**Klawżola 5 – Użu ta' materjali, prodotti u għodda; il-protezzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja**

(1) Skont l-Artikoli 6(3) u 9 tad-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE, min iħaddem għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskju u għandu jieħu passi abbażi tal-konklużjonijiet minn

---

[8] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva tal-Kożmetiċi 76/768/KEE se tiġi sostitwita bir-Regolament (KE) Nru 1223/2009, li se jibda japplika mill-11 ta' Lulju 2013 (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

tali valutazzjoni, li jagħmlu possibbli l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-livell tar-riskji għal wieħed minimu. Il-ġerarkija tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/391/KEE hija applikabbli.

Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni tar-riskju u t-teħid tal-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni korrispondenti, min iħaddem għandu jikkunsidra r-riskji possibbli u speċifiċi li jirriżultaw mill-preżenza, fl-istess post tax-xogħol, ta' *hairdressers* li joperaw skont l-istati kuntrattwali differenti. Tali riskji jinkludu r-riskji li jirriżultaw minn użu kondiviż tal-istess materjali, prodotti u għodda u r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol fil-ħanut tax-xagħar. Persuni li jaħdmu għal rashom u li huma involuti f'attività tax-xogħol f'ħanut tax-xagħar, li huwa l-post tax-xogħol ta' ħaddiem dipendenti , għandhom iħarsu l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni li jindirizzaw dawn ir-riskji.

(2) Il-partijiet jaqblu dwar il-miżuri speċifiċi ta' protezzjoni stipulati fil-Parti 2 ta'dan il-Ftehim.

(3) Sabiex jevitaw kuntatt ripetut mal-ilma għal perjodi twal u sustanzi li jistgħu jirritaw il-ġilda u jikkawżaw irritazzjoni u reazzjonijiet allerġiċi, min iħaddem għandu jieħu miżuri protettivi individwali u jorganizza bilanċ bejn l-attivitajiet tax-xogħol li jinvolvu l-ilma u dawk li ma jinvolvux l-ilma. Il-ħaddiema għandhom ikunu konformi ma' dawn l-istruzzjonijiet dwar is-sigurtà skont l-obbligi tal-ħaddiema stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE.

(4) Min iħaddem għandu juża biss materjali, prodotti u għodda li huma awtorizzati fis-suq Ewropew u li skont l-avvanzi teknoloġiċi. mhumiex ikkunsidrati perikolużi biex jintużaw professjonalment

(5) Barra minn hekk min iħaddem għandu jirsisti sabiex juża materjali, prodotti u għodda li huma iktar sikuri għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Jekk l-użu ta' alternattivi anqas perikolużi ma jkunx possibbli, min iħaddem għandu juża materjali, prodotti u għodda f'forma li tinvolvi esponiment baxx (applikaturi b'żewġ kumpartimenti, pejsts, granuli, eċċ.).

(6) B'mod partikolari, il-prinċipju ta' sostituzzjoni, kif spjegat fil-punt (5), għandu jiġi applikat għall-materjali, il-prodotti u l-għodda li ġejjin:

- kompożizzjonijiet għall-*perms*, li fihom l-ester tal-aċidu tijoglikoliku (kompożizzjonijiet aċidużi għall-*perms*)
- kożmetiċi tax-xagħar (eż. aġenti li jiżbgħu x-xagħar, żebgħat) li jirrilaxxaw it-trab fl-arja
- ingwanti tal-lastikugomma magħmula minn gomma naturali b'kisja tat-terra.
- għodda (eż. *clippers* u mqassijiet) li tista' tittrasferixxi in-nikil fuq il-ġilda meta tiġi f'kuntatt magħha għal perjodu twil ta' żmien.

**Klawsola 6 – Prevenzjoni ta' kundizzjonijiet muskoloskeletali**

(1) Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kundizzjonijiet muskoloskeletali (MSD) jaffettwaw prinċipalment il-muskoli, il-kordi li jgħaqqdu l-muskoli mal-għadam u n-nervituri tal-

polz, tas-swaba, tal-minkbejn, tal-ispalla u tad-dahar. Dawn jikkawżaw uġigħ u jillimitaw il-flessibbiltà u dan jista' jwassal għal dgħufija fil-ħajja tax-xogħol u dik privata.

(2) Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-MSD huma kkawżati minn diversi fatturi, bħal movimenti ripetittivi bl-idejn, ħsibijiet żejda, perjodi ta' mistrieħ inadegwati, għodda inadegwata jew użu ħażin tat-tagħmir, tensjoni fuq ix-xogħol, eċċ.

(3) Min iħaddem għandu jorganizza rotazzjoni tax- xogħlijiet kull meta jkun possibbli sabiex jiġu evitati movimenti repetittivi jew xogħol ta' strapazz matul perjodu ta' żmien estiż u jagħti wkoll struzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema f'dan ir-rigward. Il-ħaddiema għandhom ikunu konformi ma' dawn l-istruzzjonijiet tas-sigurtà skont l-obbligi tal-ħaddiema stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE.

(4) Min iħaddem għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rigward is-sigħat tax-xogħol kif inhuma stipulati mill-Unjoni Ewropea u fil-liġi nazzjonali, fi ftehim kollettivijew il-kuntratt tax-xogħol individwali, sabiex jipprevjeni r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà.

(5) Min iħaddem għandu jqis prattiċi ergonomiċi tajba l-iktar reċenti meta jixtri tagħmir u għodda ġodda.

(6) Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull meta persuna li tħaddem tkun qed tarma ħanut tax-xagħar jew tkun qed tixtri tagħmir ġdid għall-ħanut tagħha, għandha timxi mal-prattiċi ergonomiċi tajbin l-aktar reċenti u tixtri siġġijiet li jistgħu jiġu aġġustati skont it-tul u li jduru u banketti bir-roti li jistgħu jiġu aġġustati skont it-tul (biex iservu ta' sapport meta l-persuna tkun bilwieqfa), li jiżguraw li d-dirgħajn, l-ispallejn u d-dahar ikunu fil-pożizzjoni t-tajba għall-ħidma.

(7) Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull meta persuna li tħaddem tkun qed tarma l-ħanut jew tinstalla mill-ġdid installazzjonijiet fejn jinħasel ix-xagħar għandha tikkunsidra għażla bbażata fuq il-proċessi ta' ħidma u l-prattiki ergonomiċi tajba fir-rigward tad-disinn, il-funzjoni u t-tqassim tal-installazzjonijiet, li tippermetti li x-xogħol isir fl-aktar pożizzjoni ergonomika possibbli, filwaqt li titqies ukoll il-kumdità tal-klijent.

(8) In-nixxiefa tax-xagħar (*hair dryer*) li jinżammu fl-idejn u l-imqassijiet għandhom b'mod partikolari jissodisfaw ir-rekwiżiti ergonomiċi. In-nixxiefa tax-xagħar *hairdryers*)għandhom ikunu wkoll, ikunu ħfief kemm jista' jkun jagħmlu ħoss mill-inqas u ma jivvibrawx ħafna, mingħajr ma dan jaffettwa l-effiċena teknika tagħhom.

(9) Min iħaddem għandu jiżgura li l-mod kif ikun imqassam il-ħanut tax-xagħar jagħmilha possibbli li l-għodda u l-prodotti li jkunu se jintużaw (ħlief prodotti li jiġu ppreparati fl-istazzjonijiet tat-taħlit) jintlaħqu mill-istazzjon tax-xogħol. Għandha tingħata preferenza lit-*trolleys*, li ġeneralment ikunu mgħammra bi prodotti ta' protezzjoni għall-ġilda, speċjalment ingwanti protettivi, biex il-ġilda tibqa' b'saħħitha.

(10) Il-Partijiet jirrakkomandaw li l-ħaddiema jikkonsultaw tabib tal-għażla tagħhom jew tabib tax-xogħol malli jesperjenzaw sinjali tal-bidu ta' MSD, bħal uġigħ, tnemnim jew tingis rikorrenti. Dan ma jeżentax lil min iħaddem mill-obbligi nazzjonali eżistenti tiegħu fir-rigward tal-prevenzjoni.

**Klawżola 7 – L-Ambjent tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol**

Min iħaddem għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 89/654/KEE u 98/24/KE. Barra minn hekk:

(1) Min iħaddem għandu jipprovdi biżżejjed spazju għall-ħaddiema fl-istazzjonijiet tax-xogħol tagħhom, sabiex dawn iwettqu dmirijiethom mingħajr ma jfixklu lil xulxin, anki meta jkun hemm ħafna klijenti.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li l-installazzjonijiet tal-elettriku, il-gass u l-ilma jikkonformaw mal-i*standards* internazzjonali, Ewropej u nazzjonali rilevanti, u li l-kmamar fejn isir ix-xogħol jkunu mdawla indaqs u jiġu evitati r-riflessjonijiet tad-dawl. L-intensità tad-dawl fl-istazzjonijiet tax-xogħol għandha tikkonforma mal-i*standards* nazzjonali iżda l-Partijiet jirrakkomandaw minimu ta' 400 lux.

(3) Meta jkun qed jarma l-ħanut jew jgħammar il-ħanut mill-ġdid, min iħaddem għandu jiksi l-art b'materjal li ma jiżloqx biex il-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu bla periklu.

(4) Min iħaddem għandu jiżgura li l-kmamar tal-*hairdressing* ikollhom ventilazzjoni adegwata. Fluss ta' arja friska ta' 100 $m^3$/siegħa għal kull persuna li taħdem fuq il-post tax-xogħol normalment ikun biżżejjed. Il-ventilazzjoni tista' tiġi provduta permezz ta' fannijiet, ventilazzjoni naturali stimulata mir-riħ ta' barra jew sistema teknika ta' ventilazzjoni.

(5) It-taħlit jew it-trasferiment ta' sustanzi kimiċi li jistgħu jiġġeneraw gassijiet, dħaħen jew partikoli perikolużi, għandu jsir fi stazzjonijiet tax-xogħol speċjali li jkollhom sistema kumplemetari ta' ventilazzjoni, u li tingħata u ssirilha manutenzjoni minn min iħaddem. Ma jkunx hemm bżonn ta' stazzjonijiet tax-xogħol bħal dawn biss meta jista' jkun żgurat li l-proċeduri ta' taħlit u trasferiment użati ma jirrilaxxawx gassijiet, dħaħen jew partikoli perikolużi (pereżempju, sistemi ermetiċi).

(6) Min iħaddem għandu jipprovdi l-faċilitajiet iddedikati għall-iġjene tal-idejn u l-protezzjoni tal-ħaddiema u jpoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom tagħmir adegwat u prodotti għal dan il-għan.

(7) Min iħaddem għandu jiżgura li l-kożmetiċi jinħażnu f'kundizzjonijiet xierqa (temperaturi kemmxejn kiesħa sa temperatura tal-kamra), il-fliexken jinħażnu fil-pakkett oriġinali ssiġillat u l-prodotti li jistgħu jikkawżaw nirien jinżammu bogħod minn materjali li jaqbdu faċilment u bogħod mit-tfal. Kontenituri tal-prodotti li jkunu vojta jew kważi vojta għandhom jintremew b'mod sikur u li ma jagħmilx dannu lill-ambjent.

(8) Min iħaddem u l-ħaddiema għandhom ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u dik nazzjonali, u fejn ikun rilevanti, mal-ftehimiet kollettivi dwar is-sigħat tax-xogħol, il-pawsi waqt ix-xogħol u l-vaganzi.

**Klawżola 8 – Protezzjoni tal-maternità**

(1) Nisa tqal għandhom ikunu impjegati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-Direttiva 92/85/KEE, u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi. Min iħaddem għandu jqis il-bżonnijiet speċjali ta’ nisa tqal u ommijiet li jkunu qed ireddgħu meta jippreparaw u jorganizzaw ix-xogħol.

(2) Filwaqt li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika eżistenti, min iħaddem u l-ħaddiem jivvalutaw jekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol humiex kontra li kompitu jitwettaq minn mara tqila. Fil-każ ta’ dubji dwar il-possibbiltà ta' projbizzjoni ta' ċertu xogħol, għandu jiġi kkonsultat tabib.

(3) It-tabib jiddeċiedi liema kompiti jistgħu jkunu ta' ħsara. Min iħaddem għandu jirrispetta d-deċiżjoni tat-tabib. F'każ ta' dubji raġonevoli, min iħaddem jista’ jitlob lill-mara tqila biex tikkonsulta tabib ieħor.

(4) Jekk it-tabib jipprojbixxi ċerti kompiti għall-mara tqila, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji rigward l-organizzazzjoni tax-xogħol u għandu jafda l-kompiti f’idejn ħaddiema oħra.

**Klawżola 9 – Saħħa u benesseri mentali**

(1) Il-Partijiet jirrikonoxxu li djalogu soċjali effettiv fuq il-post tax-xogħol jagħti kontribut importanti għall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol li jwassal għal livelli għoljin ta’ saħħa u benesseri mentali. Huma jirrikonoxxu li djalogu attiv dwar l-operaT tal-istabbiliment, isaħħaħ il-fiduċja reċiproka, il-kreattività u l-prestazzjoni tal-kumpanija u tal-ħaddiema tagħha.

(2) Biex jikkontribwixxi għal ambjent mentali san u bbilanċjat, min iħaddem għandu jiżgura tħejjija bir-reqqa tax-xogħol, pjanar xieraq tas-sigħat tax-xogħol u tal-organizzazzjoni tax-xogħol, bil ghan illi jsir l-ahjar uzu tar-riżorsi u l-prevenzjoni tal-kollass emozzjonali.

(3) Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw kompletament il-Ftehim ta’ Qafas tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar it-Tensjoni Relatata max-Xogħol tat-8 ta’ Ottubru 2004 skont il-proċeduri u l-prattiki speċifiċi għall-maniġment u l-ħaddiema u l-Istati Membri.

(4) Sabiex jipprevjeni, jelimina jew inaqqas il-problemi tas-saħħa u l-benesseri mentali, min iħaddem jieħu l-miżuri kemm jista' jkun malajr, speċjalment dawk irrakkomandati fl-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Qafas tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar it-Tensjoni relatata max-Xogħol. Dawn, b’mod partikolari, jinkludu miżuri rigward il-maniġment u l-kommunikazzjoni, bħall-kjarifika tal-għanijiet tan-negozju u r-rwol tal-ħaddiema

individwali, l-iżgurar ta’ appoġġ xieraq lill-individwu u t-timijiet, il-kjarifika tar-responsabbiltajiet u s-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

**Parti 2**
**Miżuri speċifiċi ta' protezzjoni fuq ix-xogħol**

Intlaħaq ftehim dwar il-miżuri speċifiċi ta' protezzjoni ta' hawn taħt, li jikkumplementaw id-Direttiva ta' Qafas 89/391/KEE, partikolarment l-obbligu li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni kollettivi (l-Artikolu 6(2)(h)), u d-direttivi individwali 89/645/KEE, 2009/104/KE, 89/656/KEE u 98/24/KE:

**Klawżola 1 – Miżuri individwali ta' protezzjoni**

(1) Il-ħaddiema għandhom jilbsu ħwejjeġ xierqa għall-attivitajiet tagħhom jew ilbies tax-xogħol u b'mod partikolari, żraben b'pettijiet li ma jiżolqux.

(2) Il-ħaddiema ma għandhomx jilbsu ġojjellerija mad-dirgħajn jew l-idejn waqt ix-xogħol, minħabba li l-ġilda ta' taħthom tkun partikolarment suxxettibbli għal mard minħabba l-umdità jew is-sustanzi kimiċi.

(3) Il-ħaddiema ma għandhomx iħallu soluzzjonijiet bl-ilma li jkun fihom sustanzi jew preparazzjonijiet li jikkawżaw irritazzjoni, jinxfu fuq il-ġilda, iżda għandhom ineħħuhom bl-ilma.

(4) Biex jipprevjenu kuntatt involontarju ma' sustanzi kimiċi li jintużaw fil-*hairdressing*, il-ħaddiema ma għandhomx jimsħu jdejhom max-xugamani tal-klijenti.

(5) Il-ħaddiema għandhom jilbsu ingwanti protettivi xierqa, provduta minn min iħaddem, meta:
- japplikaw iż-żebgħa, iż-żebgħa ħafifa u aġenti li jiżbgħu x-xagħar isfar, inkluż meta jiġu ċċekkjati r-riżultati, meta ssir l-emulsjoni u t-tlaħliħ;
- japplikaw il-*perms*, inkluż l-innukklar u l-issettjar tax-xagħar bi prova;
- iħejju, iħawdu jew jittrasferixxu s-sustanzi kimiċi;
- jaħslu x-xagħar;
- jaħslu jew jiddiżinfettaw it-tagħmir, l-istrumenti jew il-kmamar.

B'mod partikolari, għandhom jintużaw ingwanti li jintremew wara li jintużaw darba għal operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi kimiċi tal-*hairdressing*, inkluż it-tlaħliħ taż-żebgħa.

(6) Biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-ġilda u tal-iġjene tal-idejn, il-ħaddiema għandhom jidilku jdejhom bi preparazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ġilda qabel jibdew ix-xogħol, qabel jieqfu għall-pawsa u fi tmien il-ġurnata tax-xogħol. Barra minn hekk, meta jkun xieraq, il-ħaddiema għandhom inaddfu jdejhom bi preparazzjoni ta' pH newtrali, inixxfuhom sew u jidilkuhom.

**Klawsola 2 – Miżuri kollettivi ta' protezzjoni**

(1) Għal raġunijiet ta' iġjene, il-ħaddiema ma għandhomx jieklu jew ipejpu fil-kmamar fejn isir ix-xogħol.

(2) Il-ħaddiema għandhom jużaw apparat għat-taħlit, *dispensers* tal-kejl u kontenituri addattati biex jiddilwu t-taħlitiet ikkonċentrati.

(3) Min iħaddem għandu jattrezza l-faċilitajiet tal-ħasil u l-protezzjoni tal-idejn għall-ħaddiema b'aġenti adattati għat-tindif, il-protezzjoni u l-kura tal-ġilda u b'xugamani li jintremew wara li jintużaw.

(4) Min iħaddem għandu jipprovdi ingwanti protettivi li huma reżistenti biżżejjed għas-sustanzi kimiċi li jintużaw fil-hairdressing u b'saħħithom biżżejjed biex jiżguraw li ma ssirilhomx ħsara minn xogħol normali. Għandhom ikunu non-sensitising u għandhom ikunu ta' daqs u stil li jiġi l-idejn tal-utenti. It-truf tal-ingwanti tal-ħasil għandhom ikunu jistgħu jiġġebbdu 'l fuq sew mill-polz, hekk li l-ebda likwidu ma jkun jista' jidħol fl-ingwanti.

(5) Min iħaddem għandu jiżgura li l-għodda (moxtijiet, imqassijiet, klipep tax-xagħar, imwies tax-xagħar u klippers) jiġu mnaddfa u diżinfettati sistematikament.

(6) Min iħaddem għandu jiżgura li l-istabbiliment, inklużi t-tojlits, jinżammu f'kondizzjoni nadifa u li l-artijiet issirilhom manutenzjoni regolari bil-għan li jiġu evitati żliq, tfixkil u waqgħat.

**Parti 3**
**Implimentazzjoni**

Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara għal-leġiżlazzjoni u l-prattiki eżistenti jew futuri nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea li huma aktar favorevoli għall-protezzjoni tal-ħaddiema fis-settur tal-hairdressing.

Magħmul fi Brussell fis-26 ta' April 2012

Għal Coiffure EU

Horst Hofmann
Il-President

Għal UNI Europa Hair & Beauty

Poul Monggaard
Il-President